



Brussell, 16 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8829/22

COPS 194
CIVCOM 77
CFSP/PESC 613
CSDP/PSDC 251
RELEX 602
JAI 603

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8718/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Approċċ Strateġiku tal-UE b'appoġġ għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni ta' dawk li kienu kumbattenti (DDR)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Approċċ Strateġiku tal-UE b'appoġġ għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni ta' dawk li kienu kumbattenti (DDR), kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Mejju 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Approċċ Strateġiku tal-UE b'appoġġ
għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni ta' dawk li kienu kumbattenti (DDR)**

1. Filwaqt li jfakkar fl-ambizzjonijiet stabbiliti bl-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Integrat għal Konflitti u Kriżijiet Esterni u dwar is-Sigurtà u d-Difiża kif ukoll il-Boxxla Strateġika, il-Kunsill japprova l-Komunikazzjoni Konġunta "Approċċ strateġiku tal-UE għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni ta' dawk li kienu kumbattenti (DDR)", li taġġorna l-Kunċett għall-Appoġġ tad-DDR tal-2006.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi li d-DDR jirreferi għal proċess volontarju li permezz tiegħu membri rġiel u nisa u assoċjati tal-forzi u l-gruppi armati jerġu l-armi tagħhom, itemmu r-rabtiet tagħhom mal-istrutturi ta' kmand u kontroll, jeqilbu għall-ħajja ċivili u jintegraw ruħhom mill-ġdid b'mod sostenibbli fil-komunitajiet lokali. Il-proċessi tad-DDR bi sjieda nazzjonali u lokali, iffukati fuq in-nies u speċifiċi għall-kuntest huma ta' natura politika u jikkostitwixxu komponent ċentrali fit-tranżizzjonijiet minn konflitt armat għal impenn politiku u governanza inklużiva fil-viċinat mill-qrib tal-UE u lil hinn minnu u jikkontribwixxu għall-istabbilizzazzjoni, il-paċi u l-iżvilupp sostenibbli.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-proċessi tad-DDR huma multidimensjonali, u spiss jappella għal appoġġ fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-konflitt. Fir-rigward tal-appoġġ għal dawk li kienu kumbattenti, l-assoċjati tagħhom, u l-komunitajiet li fihom jintegraw mill-ġdid, dan għandu jkun immexxi mill-politika, sensittiv għall-konflitti u bbażat fuq id-drittijiet meta jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali u psikosoċjali, ekonomiċi, politiċi, legali, relatati mas-sigurtà, u tas-saħħa tagħhom. L-UE tibqa' impenjata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet kollha tal-bniedem u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tirriafferma l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
4. Il-Kunsill jibqa' konxju tal-ħtiġijiet differenti, speċifiċi u mhux omoġenji tal-irġiel, in-nisa, is-subien, u l-bniet ta' etajiet differenti, inkluż dawk li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali jew etniċi, reliġjużi, lingwistiċi u politiċi u popli indiġeni kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP), kif ukoll tal-importanza tal-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tagħhom fil-proċessi tad-DDR. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' impenji tad-DDR sensittivi għall-età u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà.

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-inkorporazzjoni tal-appoġġ għall-proċessi tad-DDR u l-komponenti tagħhom fi strateġiji li huma proprjetà nazzjonali tista' tgħin biex titnissel appartenenza politika dejjiema tal-atturi kollha involuti. Il-Kunsill jissottolinja r-rabtiet importanti bejn id-DDR u proċessi oħra li jappoġġaw l-istabbilizzazzjoni u t-tranżizzjoni minn konflitt vjolenti għal paċi sostenibbli, filwaqt li jinnota n-natura interkonnessa tal-isfidi sottostanti u l-impatti tagħhom abbażi tal-ġeneru. Inizjattivi ta' appoġġ għal: il-medjazzjoni, il-governanza u r-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-ġustizzja tranżizzjonali, it-tnaqqis tal-vjolenza fil-livell komunitarju; il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru; il-protezzjoni ta' tfal affettwati minn konflitti; il-ġlieda kontra l-isfruttament illegali ta' riżorsi naturali, u l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar tal-bnedmin; il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali; il-ġestjoni tal-flussi ta' armi u munizzjon hija importanti f'dan ir-rigward.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-koordinazzjoni bejn azzjoni rapida u impenji fuq terminu medju u twil meta jsir użu mis-sett kollu ta' għodod tal-Approċċ Integrat tal-UE, abbażi ta' valutazzjonijiet konġunti u kkoordinati u analiżi tal-konflitti u tal-kuntest. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill jilqa' l-kontributi għall-proċessi tad-DDR permezz ta', pereżempju, inizjattivi ta' prevenzjoni tal-konflitti, it-tisħiħ tal-paċi u l-medjazzjoni, inkluż inizjattivi mmexxija lokalment u mill-komunità, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-assistenza għall-iżvilupp fit-tul u l-promozzjoni ta' għajxien alternattiv, iffinanzjati taħt l-NDICI-Ewropa Globali. L-UE tista' tikkontribwixxi wkoll għad-DDR permezz ta' missjonijiet u operazzjonijiet militari u ċivili tal-PSDK, b'dawn il-missjonijiet ċivili f'konformità mal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK.

7. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' impenji tad-DDR li jkunu realistiċi, flessibbli, sensittivi għall-konflitti u sensittivi għall-età u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iggwidati mill-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni Konġunta, u f'konformità mal-aġendi dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u ż-żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà, it-tfal u l-konflitti armati kif ukoll id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt kriminali internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja ċ-ċentralità tal-protezzjoni, ir-rilaxx u r-reintegrazzjoni inkondizzjonati u immedjati tat-tfal assoċjati mal-forzi u l-gruppi armati, f'kull ħin, f'konformità mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal u l-aġenda tal-UE dwar it-tfal u l-konflitti armati, mal-linji gwida ddedikati tagħha. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtiġijiet, l-opportunitajiet u l-aspettattivi speċifiċi taż-żgħażaġh irġiel u nisa f'kuntesti tad-DDR u jenfasizza l-importanza li dawn jiġu indirizzati fil-proċessi kollha tad-DDR permezz ta' konsultazzjoni, involviment u parteċipazzjoni attivi, u jimpenja ruħu li japplika perspettiva taż-żgħażaġh fil-proċessi tad-DDR, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-UE u l-Istati Membri jappoġġaw il-proċessi tad-DDR f'kollaborazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab, inkluż fuq il-post. In-Nazzjonijiet Uniti, il-Bank Dinji, l-Unjoni Afrikana u organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali oħra, bir-rispett dovut għall-qafas istituzzjonali tal-UE, l-awtoritajiet tal-istat ospitanti, l-atturi ġirien u reġjonali, u l-istati terzi li jikkondividu l-valuri u l-oġettivi tal-UE, u s-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, huma ta' importanza ewlenija f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni Ewropea biex jibnu fuq il-kompatibbiltà tal-impenji tad-DDR tal-UE mal-Istandards Integrati tad-DDR tan-NU (IDDRS). Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għat-tisħiħ u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-għarfien espert meħtieġ fis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, fid-Delegazzjonijiet tal-UE u fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, bħal fil-kuntesti ta' medjazzjoni u negozjar, permezz ta' miżuri adatti ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni.
9. Il-Kunsill jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex:

- jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-impenji tad-DDR tal-UE u biex dawn jitpoġġew fil-kuntest usa' tal-impenn ġenerali tal-UE ma' pajjiżi u reġjuni sħab, inkluż is-sħubijiet u d-djalogi politiċi, f'konformità mal-Approċċ Integrat tal-UE għal Konflitti u Kriżijiet Esterni;
- jipprovdu riżorsi finanzjarji u persunal biex jappoġġaw id-DDR, b'mod partikolari billi jallokaw biżżejjed finanzjament fi ħdan l-NDICI-Ewropa Globali;
- jippermettu t-tifkira tal-esperjenzi, inkluż mis-sħab implimentattivi, l-awtoritajiet tal-istat ospitanti u s-soċjetà ċivili, u jfakkar fil-ħtieġa għal monitoraġġ u evalwazzjoni regolari tal-implimentazzjoni tal-impenji tal-UE għad-DDR u t-tagħlim minnhom;
- itejbu l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u s-sħubiji dwar id-DDR man-NU, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, is-sħab donaturi u s-soċjetà ċivili;
- irawmu l-effettività tal-proċessi tad-DDR bħala parti mit-tranżizzjonijiet minn konflitt vjolenti għal stabbiltà u paċi sostenibbli.
